**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 9.08.09:** ID-DSATAX IL-ĦADD TAS-SENA.
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawr.
**IT-TNEJN, 10.08.09:** FESTA TA' SAN LAWRENZ DJAKNU MARTRI.
**IT-TLIETA, 11.08.09: Fis-7.30p.m.** se ssir ħarġa għall-membri tal-Kor Ulied Margerita
**L-ERBGĦA, 12.08.09: Fis-7.30p.m.** se tiġi ċċelebrata quddiesa biex nirringrazzjaw lil Alla bl-intercessjoni ta' Santa Margerita tal-festa li kellna u li kien hemm fiha spirtu ta' kollaborazzjoni minn kulħadd. Se jkunu mistiedna speċjali għal din il-quddiesa, Il-membri tal-Kumitat tal-Festa u s-sotto kumitati tal-Armar, tan-Nar, tat-Tiġrija, ta' l-Ikla, tar-Radju, ecc u dawk kollha li jgħinu b'xi mod jew ieħor bħalma huma dawk li jagħmlu l-ġabriet ta' kull xahar u lotterija ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar.
Wara jkollhom drink flimkien fid-Dar Parrokkjali
**IL-ĠIMGĦA, 14.08.09: Fil-5.30p.m.** Stephen Zammit u Mariella Vella se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.

**VĠILI TA' SANTA MARIJA**
**IL-VELJA TA' L-GĦID TA' L-ASSUNTA**

Illum Lejljiet il-festa tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema se ssir Velja li fiha jkun hemm kant u salmi u anke quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Il-Ħin se jkun mit-8.15 sal-10.15p.m.
Din se tixxandar dirett fuq Radju Marija 102.3 FM.
Mill-parroċċa tagħna se jkun hawn it-transport li jitlaq mill-pjazza tal-knisja fis-7.45p.m.

**IS-SIBT, 15.08.09: SOLENNITA TAL-VERĠNI MARIJA MTELLGĦA S-SEMA.** **(Festa Kmandata)**
Illum il-quddies ikun kollu bħal nhar ta' Ħadd.
**IL-ĦADD, 16.08.09 L-GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**AVVIŻ MILL-KUNSILL LOKALI**
Il-Kunsill Lokali javża li mhux se jsir ġbir ta' l-iskart domestiku nhar is-Sibt li ġej f'nhar Santa Marija. Il-ġbir ser isir l-għada l-Ħadd fl-istess ħinijiet.

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL MONUMENTI FUQ L-OQBRA**

Infakkar lil dawk li jixtiequ jagħmlu monumenti ta' l-irħam fuq l-oqbra tagħhom fiċ-Ċimiterju, li jridu josservaw il-kundizzjonijiet li hemm fid-dokument tal-ftehim li sar mal-parroċċa dwar dan.
Dan ifisser li biex wieħed jingħata l-permess għal xi monument fuq il-qabar, irid:

1. Jimla l-formula apposta ta' l-applikazzjoni fl-Uffiċċju Parrokkjali.
2. Jagħmel id-disinn ta' kif se jkun il-monument u tal-kliem li se jkun hemm miktub fuqu.
3. Iġib d-dikjarazzjoni apposta mingħand l-marmista,(dak li se jaħdem l-irħam)
4. Dawn id-dokumenti kollha iridu jkunu fl-uffiċċju parrokkjali biex jintbgħatu fil-Kurja għall-approvazzjoni
5. M'għandux jinbeda xogħol fuq l-irħam ecc qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kurja u anke ta' l-Uffiċċju Parrokkjali.
6. Kollox irid ikun skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim biex wieħed ma jkollux ibati il-konsegwenzi wara.

L-Arċipriet